MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2014

Numru 212/2013

**Il-Pulizija**

**(Spetturi Carlos Cordina u Carlo Fabri)**

**vs**

**Rittmar Hatherly**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 0363987m, akkuzat:

1. f'dawn il-Gzejjer nhar it-22 ta' Frar 2013 ghal habta tas-1.00 ta' wara nofsinhar minn gewwa hanut bl-isem 'Ta' Nakis', Triq Melchiore Gafa, Zejtun, ikkometta serq ta' flus kontanti liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeccedi elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2329.37 euro), bil-valur u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' Generoso Montebello detentur ta' karta ta' identita' 0481070m u/jew ta' persuni ohra;
2. laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. irrenda ruhhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistawx jinbiddlu;

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tal-artikoli tal-ligi hemm citati bghat lill-imputat sabiex jigi ggudikat minn dina l-Qorti dwar xi htija jew nuqqas taghha;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali l-imputat jinsab akkuzat ta' serq aggravat bil-valur u lok.

In effetti m'hemmx hafna x'wiehed jghid. Mill-istqarrija rilaxxjata minnu skond il-ligi l-imputat stqarr li kien mar jixtri il-gwiez mill-hanut in kwistjoni u billi fil-waqt li dahal u ma ra lil hadd fih ha il-flus li kienu f'kexxun u telaq jigi 'l barra izda gie jigri warajh d-derubat, ossija sid il-hanut, li lahqu u konsegwentement l-imputat irrestitwilu lura l-flus. Jghid l-imputat li tah il-flus kollha li kellu fuqu inkluz flus li kienu tieghu. Din il-verzjoni hi konfermata mid-derubat li spiega li kien f'kamra fuq gewwa l-hanut u ntebah bl-imputat minn mera u kien issuspetta fih meta rah jitfa barnuza ('hood') f'rasu u minnufih johrog jigri 'l barra mill-hanut. Lahqu li kien gja dahal f'vettura tat-tip Mazda numru ta' registrazzjoni LCL552. Ikkonferma li hawnhekk l-imputat irritornalu xi flus izda minn verifiki li ghamel mill-bejgh tal-gurnata sab li kien hemm bilanc nieqes minn dak li kien irrestitwilu l-imputat.

Intant, m'ghandux ikun hemm dubbju li l-ammont misruq kien aktar minn elfejn u erba' mitt euro. Ghalhekk aggravat bil-valur. Dwar l-aggravju l-iehor dan ma jissusistix stante li mhux kontestat li s-serqa saret minn gewwa hanut. Madanakollu tirrizulta r-recidiva.

Issa, fil-mori tal-kawza l-Qorti kienet ordnat li jithejja rapport sabiex ikollha stampa ahjar ta' kif titratta mal-imputat. Rijavvisa bbli huwa li l-imputat kien (u forsi ghadu) tossikodipendenti, li kellu precedenti ta' serq u anka wehel l-habs u fil-fatt ghalguvni tal-eta' tal-imputat l-fedina penali tieghu mhi xejn sabiha. Il-problema tad-droga jeskludih milli jaghmel servizz fil-komunita' b'daqstant li l-unika piena li l-Qorti tista' itieh hija dik ta' prigunerija jew li tpoggih taht sorveljanza ta' ufficjal tal-probation. Tinnota li dan l-ahhar beneficju din il-Qorti kif preseduta kienet gja ikkonceditlu precedentement u ghaldaqsrant m'hemmx alternattiva hlief dik karcerarja.

Fil-waqt li tiddikjarah hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, senjatament ta' serq aggravat bil-valur u li huwa recidiv, rat l-artikolu 261(c), 267, 279(a), 49 u 50 tal-Kap 9 u tikkundannah tlettax il-xahar prigunerija wara li ikkonsidrat li d-derubat irkupra l-parti l-kbira tal-flus li kienu nsterqulu.

Il-Qorti taghmel rakomandazzjoni li mill-habs l-imputat jigi permess jaghmel programm ta' rijabilitazzjoni ghall-vizzju tad-droga skont ix-xewqa li esprima.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------